*TIBDIL FL-ISEM*

*ART 244 TAL-KAP 16*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 103/2017/LSO**

**Yan Jin k/a Lina**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Yan Jin k/a Lina (KI 86814L) datat 2 ta' Frar 2017 fejn esponiet -

IIIi fic-cerkifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin numru 868 tas-sena 2014 anness u mmarkat Dok 'A' l-isem taghha, fil-kolonna 'isem il-wild' jidher bhala 'Yan';

Illi fil-karta ta' l-identita tar-rikorrenti isem l-esponenti gie imnizzel bhala 'Yan K/A Lina'; kopja annessa u mmarkat Dok 'B' ;

Illi fil-passaport Awstraljan tar-rikorrenti mahrug fid-9 ta' Settembru 2008 isimha gie imnizzel bhala 'Lina'; kopja annessa u immarkata dok 'C';

Illi fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti bin-numru 287 tas-sena 2014 fil-kolonna 'Isem u kunjom' isimha gie indikat bhala 'Lina'; certifikat anness u immarkat dok 'D';

Illi fil-fatt illum il-gurnata l-esponenti jisimha Jin Lina u dan wara li fl-Awstralja hija kienet bidlet isimha; certifikat anness u immarkat dok 'E';

Illi fic-certifikat taz-zwieg mahrug minn New South Wales isem l-esponeti fil-fatt gie indikat bhala 'Lina'; certifikat anness u mmarkat dok 'F';

Illi tali inkonsistenza fl-isem ir-rikorrenti qieghed jikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazjoni ta’ din il-kawza, din l-inkonsistenza fil-kunjom tar-rikorrenti sehhew biss minhabba zball li sar mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew impjegati tieghu, u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandiex tinkorri l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Illi r-rikorrenti ghandha interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti ghandu jkun 'Lina' u mhux 'Yan';

2. Tordna sabiex jigi korrett ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, bin-numru tmienja sitta tmienja (868) tas-sena elfejn u erbatax (2014), fis-sens illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' l-isem 'Yan' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Lina';

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta’ Marzu 2017 (fol 36) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 18 IB (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-termini ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri;

2. Illi fit-tieni lok, ghandu jinghad li *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tar-rikorrenti, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1‘, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 868 tas-sena 2014, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi l-esponent irregistra l-att tat-twelid tar-rikorrenti wara talba maghmula taht l-**Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** illi specifikatament jippermetti illi jigi registrat Att tat-Twelid u mhux certifikat ta' bdil ta' isem. Ghaldaqstant, l-esponent ottempora ruhu mal-ligi u ghamel tali registrazzjoni abbazi tal-Att tat-Twelid prodott mill-attrici, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2' u t-traduzzjoni tal-istess Att, anness u mmarkat bhala "Dok. DRP 3”. *Stante* dawn id-dokumenti juru li l-isem tar-rikorrenti huwa *‘Yan’* u mhux *‘Lina’* l-esponent ma kellux ghazla ohra hlief li jaghmel din ir-registrazzjoni bl-isem li jinsab fuq l-Att tat-Twelid originali;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

7. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 18 ta' Mejju 2017, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Robert Piscopo ghall-attrici u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur, li ddikjarat li m' ghandhiex provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2017

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fis-6 ta' Frar 2017 (fol 15) b'hekk it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata billi l-avukat difensur tad-Direttur intimat, tat ruhha b'notifikata fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2017, ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha fuq l-att tat-twelid kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi jitnizzel bhala “Lina” u mhux “Yan”.

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*“**244**.(1) Kull att ta’ twelid, ta’ zwieg, ta’ unjoni ta’ stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta’ Mewt ta’ cittadin ta’ Malta maghmul jew registrat f’pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f’dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista’ fuq talba ta’ kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta’ dak l-att, jigi registrat f’dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f’dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.”*

Illi f’kazijiet smili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f’pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f’dan is-sens, il-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li

*stante* li fl-att tat-twelid esteru tar-rikorrenti, isimha kien imnizzel bhala “Yan”, u mhux “Lina”, ma kienx hemm ghazla ohra hlief li ssir ir-registrazzjoni bl-isem li jinsab fuq l-Att tat-twelid originali, esebit bhala Dok DRP2 u t-traduzzjoni tal-istess dokument esebit bhala Dok DRP3.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi r-rikorrenti esebiet mar-rikors promotur, kopja tal-passaport Awstraljan, (fol 6) fejn hija tidher indikata bhala “Lina”, u certifikat tal-bdil ta’ isem fl-Awstralja, (fol 7) fejn hija wkoll indikata bhala “Lina”. Illi fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti mahrug minn New South Wales fl-Awstralja (fol 8) hija wkoll indikata bhala “Lina”. Inoltre`, gew esebiti dokumenti ohra li juru li fil-hajja pubblika u socjali taghha r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem 'Lina'. Gew esebiti wkoll f'dan is-sens, certifikat tac-cittadinanza Maltija, Dok K (fol 32) u certifikat tac-cittadinanza Awstraljana Dok L (fol 33).

Fl-affidavt taghha, r-rikorrenti kkonfermat li hija sa minn ckunita kienet maghrufa u msejha bhala “Lina Jin” ghalkemm fic-Cina kienet registrata bhala “Yan”. Ziedet tghid, li ghalhekk, meta marret tirrisjedi fl-Awstralja, hija kienet bidlet isimha b’mod ufficjali. Emanuel Debono, kkonferma fl-affidavit tieghu, li meta ltaqa’ mar-rikorrenti, dejjem sar jafha bhala “Lina”, izda mal-ewwel diffikultajiet li kellha fl-Awstralja, hija kienet bidlet isimha formalment fl-Awstralja fl-1999. Carmel Cachia ikkonferma li meta sar

jaf lir-rikorrenti l-ewwel darba fl-2007, meta r-rikorrenti kienet giet Malta, hu sar jafha bhala “Lina”.

Fid-dawl tad-dokumenti esebiti u tal-affidavit taghha, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija msejha u maghrufa bl-isem “Lina Jin” u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, kif registrat. Ghalhekk, taqbel li l-intimat mghandux ibati l-ispejjez.

Referibbilment ghat-talba tar-rikorrenti li t-tibdil jigi rifless fil-korrezzjoni f’kull att tal-istat civili iehor, dan mhuwiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi.

Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dawn it-talbiet sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li terga’ tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f’atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat fis-sentenza filwaqt li tilqa’ l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li isem ir-rikorrenti ghandu jkun "Lina" u mhux "Yan".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrenti Numru tmienja sitta tmienja tas-sena elfejn u erbatax (868/ 2014), billi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Yan" jigi kkancellat u sostitwit bl-isem "Lina".

Tastjeni milli tiehu konjizzoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna li d-Direttur tar-Registru pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Lulju 2017**